MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1426/2001/1

**Raymond Degabriele**

**Vs.**

**Anthony Bondin**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ Lm310 rappresentanti prezz danni sofferti mill-attur.

Ra n-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Bondin fejn eccepixxa li l-ammont mitlub huwa ecessiv u li l-kawza hi intempestiva.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema  x-xhieda.

Ikkunsidra l-konvenut jaccetta li b’risultat tax-xoghol li ghamel giet kagunata hsara minima fil-hajt divizorju.

L-attur esebixxa stima tal-perit Camilleri fl-ammont ta' Lm227.65. Dan jinkludi Lm26.40 in konnessjoni mal-appogg. Illi hemm ukoll kont ta' l-istess perit fl-ammont ta' Lm25 li fuqhom hemm dovut Lm3.75 Vat.

Illi l-konvenut kien lest li ihallas Lm110 (Ara dok RD2) liema ammont jinkludi Lm26.40 tal-appogg.

Il-perit Camilleri ikkonferma l-istima li ghamel bil-gurament.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tal-attur.

Illi l-attur qieghed jitlob hlas ta' Lm295.

Skond ir-rapport tal-perit Camilleri hemm l-ammont ta' LM201.25 dovut ghal danni u Lm26.40 ghal appogg. Hemm ukoll Lm25 kont tal-perit Camilleri. Dan jaghti total ta' Lm252.65. Hemm ukoll VAT dovut fuq Lm25 u cioe Lm3.75. Ghalhekk it-total huwa ta' LM256.40. Illi ghalkemm il-konvenut inkariga lil Perit Ronald Muscat Azzopardi l-istess perit ma xehdx f'din il-kawza. Illi l-konvenut qieghed jippretendi li ihallas biss Lm110 a bazi ta' stima li inghatatlu mill-lavranti tieghu. Illi fic-cirkostanzi dan it-Tribunal se joqghod fuq ir-rapport tal-perit Camilleri li ra x-xoghol u hareg stima.

Ghaldaqstant fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talba tal-attur fl-ammont ta' Lm256.40. Billi l-attur kien qieghed jippretendi iktar milli dak dovut kull parti ihallas l-ispejjes tieghu.

**Philip Manduca**
**Gudikant**